**KUNSILLLOKALI NADUR**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**DISA' (9) LEĠISLATURA**

**Laqgħa b'urġenza Numru Erbattax (14)**

**It-Tnejn 7 ta' April 2025**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-10:00am.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Kevin Curmi | Viċi Sindku |
| Rebecca Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**14.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**14.2. Offerta:- *Supply and installation of play centre and upgrade of safe surface for thal-Ħali playground.***

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Kien hemm tmien offerti li ġew preżentati lil Kunsill. Kien hemm qbil unanimu, li l-offerta tingħata lil Paint Centres Limited bl-ammont ta' 39,979,50 euro. (vat mhux inkluż) wara li kienet l-orħos u konformi u rakkomandata mill-board tal-Evalwazzjoni.

Kien hemm qbil li nesploraw jekk ghandniex napplikaw jew le ghal fondi ta' DPF. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill joħroġ il-percentaġġ meħtieġ fuq il-fondi tad-DLG sabiex ikopri d-differenza.

**14.3. Proġett Triq ir-Ramla-Varjazzjoniet u stima;**

Is-Sindku spjega l-izviluppi kollha wara diversi laqgħat li kellna mad-Direttur Generali tal-MGP, l-perit tal-Kunsill u l-Perit tal-Kumpanija Road Construction Co. Ltd li qed jaghmlu ix-xoghol fi Triq ir-Ramla.

Il-Kunsill għandu kuntratt diġà mal-MGP bl-ammont ta' 609,726 euro u addendum bl-ammont ta'

35, 400 euro. Total ta' 645,126 euro. L-istima tal-infieq finali relati ma' dan il-proġett inkluż xogħol addizzjonali (gdid), modifiki (varjazzjonijiet) u l-aħħar fażi tat-tarmak- L-ammont ta' 626,126 euro vat inkluż. Dawn gew ipprezentati lil Kunsilliera kollha u diskussi u spjegati.

Dan il-proġett ser ikun kopert kollu mill-kuntratt u l-addendum tal-Ministeru għal-Għawdex u ippjanar.

Kien hemm qbil bejn il-Kunsill kollu rigward l-istima l-ġdida, il-varjazzjonijiet u l-xogħol addizzjonali u ser nibgħatu lid-Dipartiment għal Gvern Lokali għal l-approvazzjoni tagħhom.

**14.4 Tmiem tal-laqgħa.**

Il-laqgħa spiċċat fl-10:30 a.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

# KUNSILLLOKALI NADUR

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva